MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 8/2013

**A B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi r-rikorrenti u l-intimat izzewgu fl-14 ta' Lulju 2007;
2. Illi iz-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment

minhabba li l-intimat rrenda ruhu hati fil-konfront tar-rikorrenti ta' servizzi, theddid u ingurji gravi konsistenti fi swat, kif wkoll adulterju, u oltre dan minhabba f'inkompatibilita ta' karattru;

3. Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti kellhom zewg ulied lkoll minorenni u cioe' J ta' tmien snin u M ta' sitt snin;
4. Illi ir-rikorrenti giet awtorizzata b'digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) li ggib in-numru 2029/12 tal-14 ta' Novembru 2012 biex tipprocedi ghas-separazzjoni kontra l-intimat (Dok A);
5. Illi il-fatti hawn fuq dikjarati tafhom hi personalment;

Talbet in vista tal-premess li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja bejn il-kontendenti l-hall taz-zwieg minhabba minhabba li iz-zwieg taghhom tkisser irrimedjabilment minhabba htija jew htijiet imputtabbli lill-intimat, billi huwa rrenda ruhu hati fil-konfront taghha ta' sevizzi, theddid u ingurji gravi, kif ukoll minhabba f'inkompatibilita ta' karattru u adulterju u tawtorizza lill-esponenti tghix separata minn ma zewgha;
2. Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri imsemmija tigi fdata f'idejn l-esponenti;
3. Tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attrici ghaliha u ghall-ulied minuri imsemmija retta alimentarja f'dak l-ammont u taht dawk il-modalitajiet li jidhrilha xierqa;
4. Tiddikjara xolta u terminata il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti u tordna li l-oggetti formanti l-istess komunjoni jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi stabilit u ordnat minn din il-Qorti, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lir-rikorrenti u l-ohra lill-intimat u dan okkorrendo ghall-finijiet ta' din it-talba bl-opera ta' periti nominandi;
5. Tordna li l-beni dotali u parafernali tal-esponenti jigu assenjati lilha;
6. Tordna id-dekadenza tal-intimat mill-jeddijiet konjugali kif mahsub fl-artikoli 48 u 51 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez kontra l-intimat ingunt in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat illi l-konvenut, debitament notifikat, ma pprezentax risposta u ghalhekk huwa kontumaci;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-avukat difensur tal-attrici u rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ghandha quddiemha kawza ta' separazzjoni personali, liema talba giet fuq talba tal-partijiet sussegwentement konvertita ghal talba ghal hall taz-zwieg, bejn il-partijiet, b'dan li minkejja li l-intimat gie debitament notifikat bl-atti u permezz ta' digriet datat is-17 ta' Lulju 2013[1] gie awtorizzat jipprezenta r-risposta guramentata tieghu fi zmien ghoxrin jum, l-istess intimat baqa' qatt ma intavola din l-istess risposta guramentata u konsegwentement huwa kontumaci f'dawn l-istess proceduri ghalkemm l-istess intimat jaghti l-verzjoni tieghu f'dawn il-proceduri u prezenta wkoll nota ta' sottomissjonijiet.

**<u>VERZJONI RIKORRENTI</u>**

[1] Ara a fol 45 tal-process

Permezz tal-affidavit taghha[2] ir-rikorrenti tghid li ltaqghet mal-intimat fis-sena 2001 b'dan li l-gherusija taghhom damet sitt snin. Frott tar-relazzjoni taghhom kellhom zewgt ulied u cioe' J u M li huma minuri. Tiddiskrivi lill-intimat bhala ragel difficli hafna b'dan li ma kienx jaghmel hin ghall-familja. Tghid ukoll li kien jixrob u jisker izda qatt ma accetta li jiehu l-ghajnuna ghal din il-problema. Issemmi wkoll li kien vjolenti u kien ikisser u kien negattiv fi kliemu lejha. F'Awwissu 2011, wara li sabet informazzjoni li wasslitha biex tirrealizza li kellu relazzjoni adultera ma' mara ohra, l-intimat telaq mid-dar matrimonjali. Tispjega li fiz-zmien li gie kkompilat l-affidavit taghha u cioe' Frar 2013, l-intimat kien ilu ma jara lil uliedu sena, jigifieri minn Frar 2012. Lanqas ikkomunika maghha biex jara lill-istess uliedu ghalkemm min-naha taghha hija ppruvat tikkomunika mieghu. Dwar manteniment, tghid li ilu ma jhallas minn Novembru 2011. Tiddikjara li ghandha dhul ta' €7980 fis-sena u dawn gejjin mis-servizzi socjali inkluz *children's allowance* ghalkemm tiddikjara li m'ghandhiex hjiel dwar l-introjtu ta' zewgha. Tissottometti li l-intimat ghandu jerfa' r-responsabbilita' ghal dak li huwa manteniment minkejja li abbandun l-familja tieghu u proprju minhabba tali abbandun, tikkontendi li ghandha tigi fdata bil-kura u l-kustodja tal-minuri ghalkemm m'ghandha ebda oggezzjoni li l-istess intimat ikollu access ghall-istess minuri.

Tiddikjara li formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti hemm tliet vetturi u cioe' van abjad u Hyundai Excel li kumplessivament ghandhom valur ta' madwar elf u erba' mitt Euro (€1400) u li jinsabu fil-pusess tal-intimat u vettura ohra tat-tip Hyundai Atos bir-registrazzjoni numru EUE 042 li hija fil-pussess taghha li tiswa madwar €1600. Hemm ukoll il-kirja tad-dar matrimonjali u cioe' l-fond bin-numru 198 fi Triq Bwieraq Birkirkara fejn tirrisjedi flimkien mal-minuri. Ssostni li tali kirja ghandha tigi assenjata lilha mhux biss ghaliex m'ghandha mkien aktar fejn tmur, izda ghaliex l-intimat abbanduna d-dar matrimonjali u qed jghix ma' mara ohra.  Dwar l-ghamara fl-istess dar matrimonjali, r-rikrorenti ssostni li din inxtrat mill-genituri taghha u ghalhekk ghandha titqies bhala proprjeta' parafernali taghha. Taghlaq billi tghid li sa' fejn taf hi m'hemm ebda dejn gravanti l-komunjoni tal-akkwisti izda jekk hemm xi dejn li ma tafx bih, dan ghandu

[2] Esebit a fol 26 tal-process

jithallas mill-istess intimat. Tiddikjara li m'hemm ebda kont bankarju jew investiment iehor formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti pero' tghid li f'kaz li jirrizulta li hemm, dawn ghandhom jinqasmu b'mod ugwali bejniethom.

Imbaghad, permezz tax-xiehda taghha datata t-18 ta' Frar 2014[3] r-rikorrenti tiddikjara li wara d-digriet datat it-8 ta' Mejju 2013 fejn il-qorti ordnat lill-intimat ihallas manteniment ghal uliedu, l-istess rikorrenti tiddikjara li zewgha hallas biss il-manteniment relattiv ghax-xahar ta' Mejju, Gunju u Lulju 2013. Izzid tghid li kwantu ghall-ispejjez tas-sahha u l-edukazzjoni tal-istess ulied, l-intimat ma hallas xejn. Dwar dan tipprezenta dokument immarkat bhala Dok. JCX1[4] li minnu l-intimat ma hallas xejn. Permezz tax-xiehda taghha datata t-8 ta' April 2014[5], ir-rikorrenti zzid li l-intimat hallas ukoll il-manteniment relattiv ghax-xahar ta' Awwissu 2013 filwaqt li terga' tikkonferma li kwantu ghall-ispejjez tas-sahha u l-edukazzjoni baqa' ma hallas xejn.

## VERZJONI TAL-INTIMAT

Permezz tax-xiehda tieghu in subizzjoni[6], l-intimat jikkontendi li mhux minnu li huwa telaq mid-dar matrimonjali izda li gie mkecci minn martu wara li qaltlu biex jitlaq xi tlieta u erba' darbiet meta qaltlu li ser iccempel lill-pulizija. Jichad li kien sawwatha pero' jghid li kien ilhom bil-problemi. Jichad ukoll li mar jghix ma' mara ohra immedjatament wara li telaq mid-dar matrimonjali ghaliex jghid li raqad f'garaxx sakemm waslitlu l-paga ta' wara u kera appartament. Jghid li kien wara xi tlieta jew erba' xhur li beda johrog ma' mara ohra bl-isem ta' Christabelle Spiteri. Jiddikjara li ma jghix ma' din il-mara. Jikkonferma li minn mindu telaq mid-dar qatt

[3] Ara a fol 83 tal-process

[4] Esebit a fol 85 tal-process

[5] Ara a fol 90 tal-process

[6] Ara a fol 64 tal-process

ma rega' ra lil uliedu u qatt ma intavola xi proceduri biex jibda jarahom. Dwar il-manteniment ghal uliedu jghid li qed ihallas mitejn u hamsin Euro (€250) fix-xahar u dan minkejja li hemm digriet vigenti sabiex ihallas is-somma ta' erba' mija (€400) fix-xahar. Meta kkonfrontat precizament bl-ammonti li hallas, jikkonferma dawn u jirrizulta li fil-verita' l-intimat hallas ferm anqas minn dak li huwa obbligat ihallas. Jikkonferma li jhallas kera ghall-appartament li kera wara li telaq mid-dar matrimonjali fl-ammont ta' €200 fix-xahar u li qabel ma telaq mid-dar matrimonjali kien ikun hu li kien ihallas il-kera tad-dar peress li r-rikorrenti qatt ma hadmet. Jikkonferma li qed jirrinunzja ghad-dar matrimonjali u dan minhabba uliedu ghalkemm jiddikjara li kull m'hemm f'din l-istess dar hadem ghaliha hu. Meta nistoqsi jekk jikkonfermax li l-ghamara fid-dar matrimonjali inxtratx mill-genituri tar-rikorrenti jghid li mhux l-ghamara kollha izda jghid li l-ghamara li xtara hu ser ihalliha ghal uliedu. Jiddikjara li minn din is-separazzjoni m'hu qed jippretendi xejn hlief li jara lit-tfal u jibqa' jhallas il-manteniment.

Kwantu ghall-gid formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jghid li ghal dak li jirrigwarda l-van abjad li ssemmi r-rikorrenti fl-affidavit taghha, dan gie skrepjat u jikkonferma li hemm zewg vetturi tat-tip Hyundai Excel bin-numru ta' registrazzjoni BAJ 958 u Hyundai Atos bin-numru ta' registrazzjoni EUE 042. Jghid li kien hu li hallas ghall-istess vetturi fiz-zwieg.

## <u>IL-PROVI MIGBURA QUDDIEM DIN IL-QORTI</u>

Permezz tax-xiehda tieghu Andrew Xuereb[7] bhala rapprezentant tal-*legal section* fi hdan l-Awtorita' tad-Djar jiddikjara li l-fond 198 fi Triq Bwieraq Birkirara u cioe' d-dar matrimonjali hija mikrija lill-partijiet mill-istess Awtorita' tad-Djar u dan permezz ta' kuntratt datat it-22 ta' Settembru 2010 bir-rata ta' €185 fis-sena.

---

[7] Ara a fol 49 tal-process

Permezz tax-xiehda tieghu Saviour Theuma[8] in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-servizzi socjali, jikkonferma li r-rikorrenti tiehu *social assistance* fl-ammont ta' €115.61 fil-gimgha flimkien ma' €3.12 bonus addizzjonali u bonus ta' nofs is-sena fl-ammont ta' €135. 10. Hija intitolata wkoll ghac-*children's allowance* fl-ammont ta' €44.46 fil-gimgha ghaz-zewgt ulied.

Permezz tax-xiehda tieghu Mario Grima[9] jixhed li l-intimat jahdem mieghu fil-kostruzzjoni, precizament bhala impjegat ta' Grima and Zammit Limited u jiddikjara li l-istess intimat ghandu paga minima ta' madwar €620 kull erba` gimghat.

Permezz tax-xiehda taghha Audrey Ghigo[10] in rapprezentanza tal-bank HSBC tghid li mir-ricerka li ghamlet fuq il-partijiet ma sabet ebda kont bankarju f'isimhom. L-istess jikkonfermaw David Galea[11] bhala rapprezentant tal-APS Bank u Jeannette Lepre[12] in rapprezentanza tal-Lombard Bank Malta Plc. Imbaghad Renzo Gonzi[13] in rapprezentanza ta' BOV Plc jghid li wara ricerka li saret fuq il-partijiet sab erba' kontijiet[14] f'isem l-intimat li b'kollox jammontaw għal xi ghaxar jew hdax –il Euro b'dan li hemm kont b'dejn mal-istess bank fl-ammont ta' €2673 relatat ma' *consumer loan* li nfetah f'Mejju 2002.

## DWAR IT-TALBA GHAS-SEPARAZZJONI PERSONALI LIEMA TALBA GIET SOSTITWITA B'TALBA GHAL DIVORZJU

[8] Ara a fol 50 tal-process flimkien mad-dokumenti relattivi esebiti a fol 55 - 58

[9] Ara a fol 51 tal-process flimkien mad-dokumenti relattivi esebiti a fol 59 - 63

[10] Ara a fol 80A tal-process

[11] Ara a fol 81 tal-process

[12] Ara a fol 82 tal-process

[13] Ara a fol 89 tal-process

[14] Ara a fol 91 – 131 tal-process

Dwar l-ewwel talba tar-rikorrenti, l-qorti fl-ewwel lok taghmel referenza ghal Artikolu 40 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jsegwi hekk:

"***Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment***".

Il-Qorti wara li rat il-provi esebiti, hija konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irremedjabbilment ghal ragunijiet li huma attribwibbli unikament lill-intimat, anke in vista tal-komportament tieghu lejn il-familja tieghu u l-abbandun. Il-fatt li l-istess intimat jammetti li kien ilu ma jara lil uliedu ghal zmien twil, b'dan li lanqas biss intavola proceduri biex ikun jista' jarhom, juri verament in-nuqqas ta' interess fihom. Ghalkemm dan l-ahhar kien hemm xi forma ta' kuntatt bejn il-missier u l-ulied, jidher bic-car li m'hemm ebda interess ta' veru fl-istess ulied. Dan naturalment juri wkoll li l-istess intimat abbanduna r-responsabbilitajiet tieghu mhux biss ta' missier izda ta' ragel tal-familja u konsegwentement il-qorti ma tistax ma tattribwixxix it-tort ghal din is-separazzjoni lill-istess intimat. Dawn l-aspetti kollha msemmija jaghtu lok ghall-pronunzja ghas-separazzjoni personali bejn il-partijiet.

## DWAR IT-TALBA TAL-KURA U L-KUSTODJA TAL-MINURI

Il-Qorti tirrileva li t-talba ta' kura u kustodja ghandha tigi determinata u deciza skond il-principju tal-ahjar interessi tal-minuri. Ir-rikorrenti tikkontendi li huwa fl-ahjar interessi tal-minuri li l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tigi fdata esklussivament f'idejha, anke minhabba l-fatt li l-istess intimat m'ghandu ebda interess fl-istess ulied u kien ilu ma jarhom ghal zmien twil. Meta mbaghad ghamel kuntatt, lanqas biss zamm il-wieghdiet li jaghmlilhom. Dan kollu juri li l-intimat zgur li mhux

idoneju biex irabbi lil uliedu (ghalkemm irid jinghad li l-intimat m’ghamel ebda talba f’dan is-sens).

Fid-dawl tal-fatt li l-intimat ma jurix interess f’uliedu tant li kien ilu ma jaghmel kuntatt maghhom u meta rarament jaghmel dan, xorta wahda ma jidhirx li hemm xi relazzjoni jew *bonding* tajjeb mal-istess missier u fid-dawl tal-fatt li ilu ma jhallas xi forma ta’ manteniment ghal aktar minn sena (b’dan li l-ahhar manteniment imhallas huwa dak ta’ Awwissu 2013) il-qorti thoss li huwa naturali li l-kura u l-kustodja tal-istess minuri m’ghandhiex tigi fdata f’idejn l-istess intimat izda f’idejn ir-rikorrenti li min-naha taghha ilha tiehu hsieb lill-istess minuri b’mod esklussiv ghal zmien twil (ghall-anqas minn mindu l-istess intimat telaq mid-dar matrimonjali) u fuq kollox ghaliex m’hemm xejn mill-assjem tal-provi li jista’ jwassal lill-istess qorti sabiex tasal ghall-konkluzjoni li ma jkunx fl-ahjar interess tal-minuri li l-omm tigi fdata bil-kura u l-kustodja taghhom.

Il-qorti tirrileva li prezentement m’hemm ebda forma ta’ access li qieghed jigi ezercitat mill-intimat, ghall-anqas b’mod formali. L-istess intimat lanqas biss intavola xi forma ta’ rikors biex jitlob access ghall-istess minuri (minkejja li r-rikorrenti tikkontendi li m’ghandha ebda oggezzjoni ghal dan) juri li l-intimat m’ghandux interess f’uliedu. *Stante* li l-intimat ma pprezenta ebda risposta guramentata ghall-proceduri odjerni u wisq anqas kontro-talba jew xi talba ghal access versu l-minuri l-qorti ser tastjeni milli takkorda access ghall-istess missier u dan fin-nuqqas ta’ talba specifika.

**<u>DWAR IT-TALBA GHAL MANTENIMENT GHAR-RIKORRENTI U GHALL-WILD MINURI</u>**

Il-Qorti tirrileva li kif qalet din l-istess qorti hekk kif diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet **Georgina Schembri pro et noe vs Dino Schembri** deciza nhar it-28 ta’ Ottubru 2002, l-obbligi tal-manteniment tal-konjugi huma regolati bl-artikolu 3 tal-Kap. 16 b’dan pero’ li tali manteniment ghandu jinghata skond il-bzonn ta’ min jitolbu u l-mezzi ta’

min ghandu jaghtih (ara l-Artiklu 20 tal-Kap. 16). Dan ifisser li l-mara llum ghandha r-responsabbilitajiet taghha u trid necessarjament terfa' dan il-piz mar-ragel taghha ghaliex wara kollox ghandha wkoll il-kapacita' li tmur tahdem.

Mill-provi jirrizulta li l-intimat ghandu introju minimu peress li jaqla l-paga minima fil-ligi filwaqt li r-rikorrenti tghix fuq l-ghajnuna socjali. Issir referenza ghax-xiehda tar-rapprezentanti tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali fejn jiddikjaraw l-introjtu tal-istess rikorrenti flimkien mac-*children's allowance*.

Il-qorti hija tal-fehma li r-rikorrenti hija kapaci tahdem izda sakemm issib xoghol fuq bazi *full-time, stante* li l-intimat huwa unikament responsabbli ghas-separazzjoni ta' bejn il-partijiet, ghandu jhallas is-somma ta' €200 fix-xahar bhala manteniment ghall-istess rikorrenti, liema manteniment ghandu jibqa' percepit sakemm l-istess rikorrenti ma tkunx qieghda tahdem jew sa' massimu ta' sena mis-sentenza odjerna skont liema eventwalita' ssehh l-ewwel.

Dwar il-manteniment ghall-minuri, l-Qorti taghmel referenza ghar-rikors tar-rikorrenti datat it-18 ta' Ottubru 2012[15] u d-digriet taghha tat-8 ta' Mejju 2013[16] u li permezz tieghu l-intimat gie ordnat ihallas l-ammont ta' €400 fix-xahar bhala manteniment ghal uliedu *oltre* nofs l-ispejjez kollha tas-sahha u l-edukazzjoni tal-istess minuri. Mill-assjem tal-provi kollha, u anke tenut kont tal-fatt li l-minuri ser ikomplu jirrisjedu flimkien mar-rikorrenti kif wara kollox ilha taghmel ghall-anqas miz-zmien li l-intimat allontana ruhu mid-dar matrimonjali, abbinat mal-fatt li l-istess intimat qatt ma hallas l-ispejjez relattivi ghas-sahha u l-edukazzjoni tal-ulied, il-qorti thoss li jkun opportun li tali manteniment ikun jinkorpora fih ukoll l-ispejjez relattivi tas-sahha u l-edukazzjoni li jidher li l-intimat ma jaghmilx tajjeb ghalihom. Fic-cirkustanzi, l-qorti thoss li l-intimat ghandu jhallas manteniment ta' Euro 225 kull erba` gimghat ghal kull wild sabiex dan itaffi parti mill-ispejjez relattivi ghas-sahha u l-edukazzjoni tal-istess minuri.

[15] Esebit a fol 79a tal-process

[16] Esebit a fol 80 tal-process

**DWAR IT-TALBA GHAX-XOLJIMENT TAL-KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

Permezz tan-nota guramentata taghha[17], r-rikorrenti tiddikjara li l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet hija komposta mis-segwenti:

1. Vettura tat-tip Van bil-kulur abjad bil-valur approssimattiv ta' €700 (li setgħet ġiet *scrapped*);
2. Vettura tat-tip Hyundai Excel bin-numru ta' registrazzjoni BAJ 958 u bil-valur approssimattiv ta' €700;
3. Vettura tat-tip Hyundai Atos bin-numru ta' registrazzjoni EUE 042 u bil-valur approssimattiv ta' €1600;
4. Kirja tal-fond gia d-dar matrimonjali fi Triq Bwieraq Birkirkara.

Permezz tal-istess nota guramentata r-rikorrenti tiddikjara li m'ghandha ebda oggezzjoni li l-intimat jiehu z-zewg vetturi li huma diga' fil-pussess tieghu u cioe' l-van abjad u l-Hyundai Excel filwaqt li hi tigi assenjata l-vettura Hyundai Atos u l-kirja tad-dar matrimonjali. Permezz tal-verbal datat it-2 ta' Ottubru 2013, ir-rikorrenti ddikjarat li hija qieghda thallas il-kontijiet relattivi ghad-dar matrimonjali u hija disposta li tibqa' taghmel dan jekk tithalla tghix hemm flimkien mal-minuri[18].

*Stante* li jidher li t-tliet vetturi gew akkwistati fiz-zwieg u jidher ukoll li wahda mil-vetturi setghet giet *skrepjata* (ghalkemm dwar dan il-qorti m'ghandha ebda prova konkreta u lanqas m'ghandha informazzjoni dwar x'seta' kien ir-rikavat mill-istess *scrapping*) u *stante* li r-rikorrenti lesta li ccedi sehemha miz-zewg vetturi li qieghdin fil-pussess tal-intimat u cioe' l-ewwel zewg vetturi msemmija fil-paragrafu precedenti, l-qorti qed tassenja l-ewwel zewg vetturi lill-intimat b'dan li r-rikorrenti qed tigi ordnata tiffirma kwalunkwe dokument u taghmel dawk l-atti kollha fi

[17] Esebita a fol 29 tal-process

[18] Ara a fol 48 tal-process

zmien massimu ta’ xahar sabiex tali vetturi jibdew isejjhu lill-intimat b’mod esklussiv. Ghandu jkun l-istess intimat li jaghmel tajjeb ghal kull spiza relattiva mal-istess vetturi. Jekk verament l-ewwel vettura giet *scrapped* allura kwalunkwe ammont li seta’ gie rikavat mill-istess vettura ghandu jkun meqjuz bhala l-proprjeta’ esklussiva tal-intimat. Il-vettura l-ohra u cioe’ l-Hyundai Atos qed tigi assenjata lir-rikorrenti b’dan li l-intimat qed jigi ordnat jiffirma kwalunkwe dokument u jaghmel dawk l-atti kollha fi zmien massimu ta’ xahar sabiex tali vettura tibda ssejjah lir-rikorrenti. Ghandha tkun l-istess rikorrenti li taghmel tajjeb ghal kull spiza relatata mal-istess vettura tat-tip Hyudnai Atos.

Rigward id-dejn li jirrizulta mal-BOV plc, jirrizulta li tali dejn huwa fil-fatt dejn parafernali tal-intimat *stante* li sar qabel iz-zwieg u konsegwentement tali ammont u dejn ghandu jitqies bhala dejn esklussiv tal-intimat. Kull kont bankarju intestat f’isem il-partijiet b’mod separat ghandu jitqies bhala l-proprjeta’ esklussiva ta’ dik il-parti.

Kwantu ghall-kirja relattiva mal-fond bin-numru 198 fi Triq Bwieraq Birkirkara, jidher li hemm qbil bejn il-partijiet li din tigi assenjata lir-rikorrenti bil-mobbli kollha li jinsabu fiha u konsegwentement il-qorti qed tassenja tali kirja tad-dar flimkien mal-mobbli kollha li jinsabu fiha lill-istess rikorrenti.

**<u>DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-ARTIKOLI 48 ET SEQ KONTRA L-INTIMAT</u>**

L-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta jghid hekk:

(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -

(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;

(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;

(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;

(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.

Il-Qorti, kif diga' kellha l-opportunita' li tiddikjara aktar 'il fuq, hija moralment konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li l-firda bejn il-partijiet hija imputabbli lill-intimat u ghaldaqstant fic-cirkustanzi thoss li ghandhom jigu applikati s-sub incizi (a), (b) u (d) l-istess artikolu hawn citat fil-konfront tal-istess intimat.

**<u>DECIDE</u>**

Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti b'dan li tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet;

[2] Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti b'dan li tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri f'idejn l-istess rikorrenti b'mod esklussiv;

[3] Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrenti b'dan li tiffissa s-somma ta' €200 fix-xahar bhala manteniment ghall-istess rikorrenti, liema manteniment

ghandu jibqa' percepit sakemm l-istess rikorrenti ma tkunx qieghda tahdem jew sa' zmien massimu ta' sena skont liema eventwalita' ssehh l-ewwel u s-somma ta' €225 kull erba' gimghat rapprezentanti l-manteniment ghal kull minuri, liema manteniment jithallas mill-intimat kull erba` gimghat u li jinkludi fih l-ispejjez relattivi ghas-sahha u l-edukazzjoni tal-istess minuri. Tali manteniment ghandu jibqa' jithallas sakemm kull minuri jaghlqu l-eta' ta' tmintax –il sena b'dan li f'kaz li jibqghu jistudjaw fuq bazi *full-time* bejn l-eta' ta' tmintax –il sena u tlieta u ghoxrin sena, allura l-manteniment jibqa' jkun dovut.

[4] Tilqa' r-raba' talba tar-rikorrenti u konsegwentement tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti skond il-paragrafu intitolat 'Dwar it-talba ghax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti';

[5] Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba *stante* li l-partijiet ma ressqu ebda prova dwar dan;

[6] Tilqa' s-sitt talba tar-rikorrenti b'dan li tapplika kontra l-intimat id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 (a), (b) u (d) fil-konfront tal-istess intimat.

Bl-ispejjez hekk kif mitluba kontra l-intimat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------